MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2415/2002

**Joseph u Carmen mizzewgin Sciberras**

**vs**

**Edwin Zammit u b'digriet datat 21 ta Frar 2003 gie ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Robert Azzopardi.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta' l-atturi datat 7 ta' Ottubru 2002 li permezz tieghu talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' seba' mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm 765) rapprezentanti hsara kagunata fil-faccata tal-hanut taghhom li jgib l-isem ta "Ravjul" gewwa Triq Schembri Hamrun meta l-istess konvenut fil-11 ta Mejju 2001 b'negligenza, imperizja u traskuragni fis-sewqan tieghu baqa' diehel fl-istess faccata waqt li kien qed isuq il-vettura Escort numru JAK 392.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta ittra ufficjali datata 11 ta’ Frar 2002.

Ra r-risposta tal-konvenut Edwin Zammit datata 22 ta’ Jannar 2003 fejn ikkontesta t-talba dedotta kontra tieghu in vista tal-fatt li allega li l-incident stradali in kwistjoni ma sarx b’tort tieghu izda b’tort tas-sewwieq tal-vettura UFO 681 misjuqa minn Robert Azzopardi b’manjiera negligenti, b’imperizja u traskuragni u kwindi talab il-kjamat in kawza ta l-istess sewwieq. Saret riserva li jigu prezentati risposti ulterjuri.

Ra l-verbal ta’ dan it-Tribunal datat 21 ta’ Frar 2003 fejn kien gie ordnat il-kjamat fil-kawza ta’ Robert Azzopardi.

Ra r-risposta prezentata minn Robert Azzopardi datata 21 ta Marzu 2003 fejn preliminarjament ilmenta mill-fatt li huwa kien gie notifikat biss bl-avviz tas-smiegh u mhux bit-talba tal-attur u li kienet supposizzjoni tieghu biss li l-meritu jikkoncerna l-incident stradali tal-11 ta Mejju 2001 u ghalhekk irriserva li jressaq risposti alternattivi skond il-kaz. Fit-tieni lok isosti li huwa ma kellu ebda responsabbilita’ ghall-incident stradali in kwistjoni u kwindi ghad-danni konsegwenzjali tal-istess.

Ra li l-kjamat fil-kawza kien gie mghoddi kopja tal-avviz tat-talba tal-attur seduta stante nhar it-12 ta Mejju 2003.

Ra n-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat fil-kawza Robert Azzopardi datata 18 ta’ Gunju 2003 fejn rega’ kkontesta r-responsabbilita’ tal-incident in kwistjoni stante li t-tort ghall-istess kellu jigi imoutat unikament lill-konvenut Edwin Zammit.

Ra l-provi mressqa fosthom ix-xhieda ta’ l-attrici Carmen Sciberras u d-dokumenti minnha inkluz l-ircevuti u r-rapport tal-Pulizija dwar l-incident; PS 1212 Carmel Zerafa u PS 991 Raymond Fabri kif ukoll Saviour Ellul u z-zewg dokumenti minnu esebiti; Xehed ukoll l-konvenut Edwin Zammit u l-kjamat fil-kawza Robert Azzopardi.

Ikkunsidra:

Illi t-talba tal-atturi tikkoncerna sejha ghal hlas ta’ danni sofferti fil-faccata taghhom meta l-konvenut Zammit dahal go fiha bil-vettura tieghu. Illi ma hemmx kontestazzjoni li l-atturi huma tassew is-sidien tal-fond fejn grat il-hsara. Dwar l-incident proprju l-attrici ma kellhiex wisq xi tghid peress li ma kinietx prezenti ghalih stante li fis-2.00 am ta’ fil-ghodu l-hanut ikun maghluq. L-istess xhud pero’ xehdet dwar il-hsarat sofferti u esebiet l-ircevuti tal-hlasijiet maghmula ghat-tiswija. Dwar il-bank pero’ dan baqa’ ma ssewwiex u fil-fatt hija pprezentat biss stima a fol 23 tal-process u mhux ricevuta u dana peress illi l-bank ma’ kienx ghadha sewwietu u l-hanut kienet lahqet wellietu lil haddiehor. Illi ghalhekk l-ispiza attwali tad-danni minnha sofferti debitament koperti bl-ircevuti esebiti kienu jlahqu s-somma ta Lm535 mhux Lm765 kif pretiz fl-avviz.

Illi mir-rapport tal-Pulizija esebit a fol 26 sa 29 tal-process johrog car kif sehh l-incident in kwistjoni. Il-vetturi tal-konvenut u kjamat in kawza kienu ghaddejjin it-tnejn gewwa St. Joseph High Road Hamrun, it-tnejn miexjin fl-istess direzzjoni gejjin mill-Belt, it-tnejn fuq in-naha taghhom tat-triq u t-tnejn suppost bi speed moderat. Il-verzjoni ta’ bejn dawn iz-zewg sewwieqa ftit li xejn huma kontrastanti. Il-kjamat in kawza jghid li waqt li huwa kien qed jaghmel il-manuvra biex idur ghal Triq Schembri, nnota lill-konvenut gej u sejjer jaqbzu u b’hekk gibed aktar lejn ix-xellug biex ihallih ighaddi. Il-konvenut fil-fatt ghaddieh minnghajr ma laqtu u baqa’ diehel fil-faccata ta’ hanut. Dejjem skond l-istess rapport il-konvenut jikkonferma li kien wara l-kjamat u rah jieqaf qabel ma gie biex idur lejn Triq Schembri. Meta l-konvenut pprova jissorpassa lill-kjamat, dan ta’ l-ahhar rega’ beda miexi bil-mod lejn il-lemin biex jidhol ghal Triq Schembri, l-konvenut ghafas il-brakes biex jevita l-kollizzjoni pero *ghal xi raguni nspjegabbli l-vettura tieghu ma waqfietx tilef il-kontroll taghha u kwindi dahal fil-faccata tal-hanut.* (italics tat-Tribunal). Fl-iskizz esebit a fol 32 tal-process tidher il-vettura tal-konvenut mahbuta fil-faccata tal-hanut pero ma hemmx indikat il-vettura tal-kjamat in kawza u anqas xi brake marks li seta’ kien hemm fit-triq; Il-verzjoni tal-konvenut kif rapportata regghet giet konfermata bil-

gurament minn PS 1212 Zerafa li kompla jghid li l-konvenut kien ammetta t-tort mieghu u li kien lest ihallas l-ispejjez. In kontro-ezami l-istess xhud jghid li ma setax jitfa' dawl fuq il-brake marks ezistenti fit-triq. Ighid ukoll li l-kjamat in kawza kien qallu li huwa ma kienx involut fl-incident u ma kienx intlaqat li kien baqa' fuq il-post semplicement jaghti ghajnuna lill-konvenut. Illi kien ghalhekk li dan ix-xhud kien nizzel il-verzjoni tal-kjamat in kawza fir-rapport tieghu liema verzjoni qed kif rapportata ikkonfermha bil-gurament tieghu.

Ix-xhud PC 991 Fabri lil assista lis-Surgent isejjah il-kaz in ezami bhala ncident stradali u mhux bhala kollizjoni. Huwa beda jiehu hsieb it-traffiku peress illi l-vettura tal-kjamat kienet ghadha f'nofs it-triq.

Saviour Ellul rapprezentant tal-Fortress Insurance oltre li ghamel survey fuq il-fond tal-atturi kkonferma li huma kienu lesti jhallsuhom is-somma ta Lm 485 f'kaz li l-htija tigi mputata lill-assikurat taghhom. Dan ikkonfermah permezz ta ittra minnu esebita a fol 41 u sostanzjata minn rapport peritali esebit a fol 43 tal-process.

Il-konvenut Edwin Zammit fix-xhieda tieghu jikkonferma bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni kif rapportat mal-Pulizija hlief ghal zewg punti nteressanti u cioe:

(1) issa qed ighid li ma zammx brakes u

(2) li kien ghaddej bi speed ta' hamsin (50) mil fis-siegha u cioe speed gia eccessiv u illegali ghal dawk l-inhawi residenzjali. In kontro-ezami jzid ighid li l-vettura tal-kjamat kien ra fil-boghod wieqfa fejn it-triq li tiehdok ghal Mile End. Jiftakar li kellha d-dwal mixghula pero mhux l-indicator mixghul. Jikkonferma wkoll li f'ebda mument ma habat maghha. Ighid li l-kjamat kiser f'daqqa ghal fuqu hekk kif hu wasal ma genbha;

Anke il-kjamat in kawza jikkonferma bazikament l-istess verzjoni li huwa ta lill-Pulizija. Jzid ighid pero li huwa kien innota li l-konvenut kien gej bi speed qawwi u ghalhekk gibed lejn ix-xellug biex ihalliha tghaddih u meta spicca

biex ra l-konvenut mahbut mal-faccata huwa ddecieda li jieqaf halli jaghti l-ewwel ghajnuna kif fil-fatt ghamel. In kontro-ezami l-istess kjamat in kawza ikompli jispjega li huwa gibed lejn ix-xellug ghalkemm kellu l-intenzjoni li jdur ghal fuq il-lemin peress illi lemah lill-konvenut gej bi speed qawwi sejjer jaqilghu fuq in-naha tal-lemin u cioe kien ser ighaddih fuq in-naha l-hazina tat-triq – anzi kien gia rah gej minn fuq in-naha hazina tat-triq.

Illi mill-provi prodotti kwazi ghal kollox mhux kontrastanti ghandu jirrizulta bl-aktar mod ampju li l-incident stradali sehh minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut. Kien qed isuq b'velocita eccessiva ghal dak l-inhawi – ma hax hsieb joqghod attent sewwa fil-mument tas-sorpass u cioe li seta' jaghmel tali manuvra mnnghajr ma jkun ta' ebda periklu ghalih u ghal haddiehor – il-manuvra ta' sorpass kien ser jaghmilha billi jsuq fuq il-karreggjata hazina tat-triq, anzi sahansitra qabel is-sorpass huwa gia kien jinsab fuq il-karreggjata hazina – kien qed isuq il-vettura b'tali mod u manjiera illi ma baqax in kontroll taghha tant illi fil-mument tas-sorpass huwa tilef ghal kollox il-kontroll taghha (anke minnhabba l-velocita' zejda li kien ghaddej) u spicca fil-faccata tal-atturi – Fil-mument tal-habta mal-hajt huwa mill-ewwel ammetta t-tort mal-Pulizija u li kien sejjer ihallas – anke l-assikurazzjoni tal-vettura misjuqa mill-konvenut wera li kien dispost ihallas ta parti mill-hsarat.

Illi ghar-rigward il-kwantum tad-danni mitluba, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-hsara rikjesta ghal bank ma gietx soddisfacentement ipprovata. Dana qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet cioe:

i) Jirrizulta li l-bank baqa' ma ssewwa u ma nbidel qatt peress illi l-hanut lahaq twella bil-kondizzjoni tal-bank kif kien;

ii) L-istima prodotta dwar il-bank titkellem dwar bank gdid u mhux dwar spejjez ghal tiswija;

iii) Ir-rapprezentant tal-Fortress f'ebda mument ma gie lilu ndika xi hsara fuq dan il-bank u difatti is-survey ghamilha biss fuq il-faccata;

iv) Il-persuna li harget l-istima ma ttellatx tikkonfermha l-istess bil-gurament tieghu/taghha jew almentu jispjega l-istat tal-bank u ghala kellu jinbidel flok jissewwa u ma xiex kienet kompatibbli tali allegata hsara fuq jekk kien hemm;

v) Fix-xhieda taghha l-attrici ma tispjegax in-natura u/jew l-entita' tal-hsara fuq dan il-bank u fil-fatt hija tipproduci stima ta' bank gdid minnghajr ebda indikazzjoni dwar xi gralu l-bank u jekk jissewwiex o meno. Tghid ukoll li l-bank hallietu kif kien, ma sewwietux peress li l-hanut lahqet wellietu.

It-Tribunal ghalhekk ghal dawn il-mottivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Edwin Zammit, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Robert Azzopardi u kif ukoll tilqa' t-talbiet tal-atturi in kwantu tiddikjara li kien il-konvenut Edwin Zammit bhala unikament responsabbli tal-incident in kwistjoni u konsegwentement tikkundanna lill-istess Edwin Zammit ihallas lill-atturi s-somma ta hames mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm 535) konsistenti fil-hsara kagonata fil-faccata u shutter taghhom bl-imghaxijiet dekorribbli kontra tieghu mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-kjamat fil-kawza kontra l-istess konvenut Edwin Zammit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------